# Il-Ħuttafa

numru 94

Settembru - Ottubru 2009



Pankrazju

BirdLife MALTA

Klabb Ħuttaf

il-magażin ta' Klabb Ħuttaf



# Ħej Ħuttaf!

editorjal




Għall-ewwel darba naħseb f'mijiet tas-snin, din il-ħarifa ma jistgħux jinqabdu iktar għasafar tal-għana.

Għasafar tal-għana x'jaħbtu?

Għasafar tal-għana huma għasafar żgħar li jgħannu sabiħ. Fid-dinja hawn ħafna razez u speċi, imma f'Malta l-iktar li jiġu huma sebgħa:

- l-i**Sponsun** (Chaffinch)
- il-**Gardell** (Goldfinch)
- il-**Ġojjin** (Linnet)
- il-**Verdun** (Greenfinch)
- l-**Ekru** (Siskin)
- l-**Apparell** (Serin)
- **Taż-Żebbuġ** (Hawfinch).




Peress li dawn l-għasafar jgħannu sabiħ, ħafna nies ħadu d-drawwa jaqbduhom biex iżommuhom f'gaġeġ jew guvi ħalli joqogħdu jisimgħuhom jgħannu. F'Malta wkoll din id-drawwa ilha teżisti, u kull sena eluf u eluf ta' għasafar tal-għana kienu jispiċċaw fix-xbiek tan-nassaba.




Imma issa din id-drawwa saret kontra l-liġi. L-għasafar tal-għana saru protetti u ma jistgħux jinqabdu iktar. Aħbar tal-ġenn!

Huwa dejjem ħażin li annimal jinqabad mis-selvaġġ u jinżamm magħluq, speċjalment għasfur li għandu l-ġwienaħ biex itir u għasfur li mdorri jsiefer eluf ta' kilometri kull sena. Ħeqq, mhux billi jkollu guva kbira, qatt ma jista' jkollu l-kobor li kellu meta kien ħieles, hux!

Għalhekk il-BirdLife hija kontra l-insib tal-għasafar, u nisperaw li kulħadd jirrispetta din il-liġi. Forsi ftit tas-snin oħra jibda jkollna Sponsuni u Ġojjini jbejtu f'Malta iktar spiss.

Min jaf, tgħid jibda jinżel xi Verdun fuq il-bird tables ukoll?

Kos, qed niftakar! Jien aħjar narma l-bird table tiegħi, għax il-Pitirrossi waslu!




Victor

**Victor Falzon**
l-editur

mal-faċċata



Il-PANKRAZJU (Sea Daffodil *Pancratium maritimum*) hija pjanta sabiħa tax-xtut ramlin. Tkun bil-fjuri l-iktar fis-sajf, imma fil-ħarifa ssibha wkoll bil-fjuri. Il-Pankrazju hija rari għax l-ambjent tagħha - l-għaram tar-ramel (sand dunes) - ftit jeżisti minnu f'Malta.

Ritratt ta' Desirée Falzon





Aron Tanti

## X'għandna?


| | |
|---|---|
| Editorjal | 2 |
| Aħbarijiet | 3 |
| Mid-Dinja | 4 |
| Il-Malvizz | 5 |
| It-Tabakk tas-Swar | 5 |
| In-Nemmiesa | 6 |
| Il-Friefet tad-Dlam | 7 |
| Attività u avviżi, eċċ | 8 |
| Il-Wetlands | 9 |
| Nilagħbu Tikka | 10 |
| Gallerija | 10 |
| Messaġġ bil-Kulur Abjad | 11 |



### Il-kumitat ta' Klabb Ħuttaf

Kathleen Mamo (kap) • Jason Aloisio • Matthew Borg Cardona • Desirée Falzon • Victor Falzon



### kuntatt

indirizz
**BirdLife Malta**
**57/28 Triq Abate Rigord**
**Ta' Xbiex XBX 1120**
tel **21347644 / 21347645 / 21347646**
imejl **info@birdlifemalta.org**
imejl tal-magażin
**il-huttafa@birdlifemalta.org**
websajt **www.birdlifemalta.org**


### Klabb Ħuttaf

Klabb Ħuttaf huwa t-taqsima ta' BirdLife Malta għall-membri ta' taħt it-18-il sena. Il-Klabb jorganizza ħarġiet fil-kampanja, żjarat f'riservi naturali, mixjiet, ħarġiet bil-lanċa, u nagħmlu wkoll xogħol ambjentali. Kull xaharejn noħorġu wkoll l-magażin *Il-Ħuttafa* li l-membri jirċievu bil-posta. Bħalissa fil-Klabb qegħdin iktar minn 1200 membru. Sħubija fi Klabb Ħuttaf hija €7 fis-sena.

© Publikazzjoni BirdLife Malta, Ottubru 2009
Disinn u produzzjoni Victor Falzon
Stampat għand Poulton's Print Shop





# Tad-Dell bejjet ukoll

Aron Tanti

F'Malta naraw tliet speċi ta' zakak: iz-Zakak Abjad, iz-Zakak tad-Dell u z-Zakak Isfar (jew l-Isfar). Ebda minhom ma jbejjet f'pajjiżna, u jiġu biss jew biex jistrieħu waqt il-passa jew biex jgħaddu x-xitwa. Imma r-rebbiegħa li għaddiet par **Zakak tad-Dell** (Grey Wagtail) bejtu f'post fl-inħawi tal-iSptar Mater Dei. Issa dan l-għasfur is-soltu jbejjet f'postijiet ħdejn xmajjar u nixxigħat tal-ilma. Tgħiduli mela x'bejjet jagħmel fin-nixfa ta' Malta? Għax fil-post fejn bena l-bejta kien hemm xi kanna bl-ilma ħiereġ minnha. U mid-dehra dan kien biżżejjed biex Papa u Mama Zakak ħassewhom *at home*! :)



Il-bejta li bena z-Zakak tad-Dell

André Raine



Aron Tanti

## sturnell fil-mira

Fl-ajruport ta' Malta jinżlu ħafna sturnell, għax fil-ħaxix baxx isibu ħafna insetti u żrieragħ. L-għasafar f'ajruport jafu jkunu periklu, għax jekk jinqabdu f'magna ta' ajruplan jistgħu jwaqqgħuh!

**Mistoqsija: Kieku intom x'tagħmlu biex l-għasafar ma jinżlux iktar fl-ajruport?**

**Tweġiba: Ħafifa... il-ħaxix ħallih jikber twil!**

Tweġiba tajba. Fil-ħaxix twil l-isturnell ma jarax jiekol, u malajr jitlef l-interess. Imma smajna li l-problema ħa jippruvaw isolvuha billi jdaħħlu l-kaċċaturi jisparaw fuq l-isturnell. Dan ħażin, għax l-ajruport Santwarju tal-Għasafar.



# L-Għadira daħlu żewġ Great Whites!

Victor Falzon

**U le, mhux Great White Sharks, imma Great White Egrets! Fit-2 Ottubru 2009 daħlu żewġ iRsieset Bojod fir-riserva tal-Għadira - dan t'hawn fuq wieħed minnhom. X'għonq dak, eh! Kienu tlieta, imma lil seħibhom sparawlu u miskin niżel ferut f'Is-Simar, fejn miet ftit wara. Tgħid min sparalu ħasbu gamiema?!**

mid-dinja...




# Veggie Spider



Il-brimb tad-dinja huwa kollu karnivoru, jiġifieri jaqbdu annimali oħrajn (is-soltu insetti) biex jikluhom.

Imma ftit ġimgħat ilu, naturalisti li kienu l-Messiku qed jistudjaw tip ta' **brimba qabbieża** (*Bagheera kiplingi*) baqgħu skantati meta sabuha tiekol il-pjanti! L-ikel favorit tagħha huwa bħal rossiet sofor li jikbru f'tarf il-weraq ta' xi siġar tal-akaċja. Il-brimba fir-ritratt qed iżżomm waħda minnhom.

Stramba ħafna l-biċċa. Kieku din l-istorja smajnieha f'April konna ngħidu: "Din xi April Fool!"



# it-tonn wasal fix-xifer...

Fid-dinja hawn xi 50 speċi ta' tonn. Waħda minnhom - il-**Bluefin Tuna** *(Thunnus thynnus)* - tgħix fil-Baħar Mediterran, imma ma tantx se ddum. Għaliex?

Għax xi pajjiżi tal-Mediterran, fosthom Malta, tant qed jaqbdu tonn żgħir li dan mhux qed jilħaq jikber u jbid. Ħeqq, u mingħajr bajd ma jkunx hawn tonn ġdid. Imma dawk li qed jistadu għaliha ma donnhom jimpurtahom! L-aqwa li deħlin il-miljuni ta' ewro. Ħafna mit-tonn jixtrih il-Ġappun, għax il-Ġappuniżi jiġġennu għat-togħma ta' dil-ħuta.

Dan l-aħħar l-Unjoni Ewropea issuġġeriet li s-sajd għat-tonn jieqaf għal ftit snin ħalli l-ħuta forsi terġa' żżid fin-numru. Imma sitt pajjiżi (Malta, Spanja, l-Italja, Ċipru, Franza u l-Greċja) webbsu rashom u ma ridux jafu. Għalhekk is-sajd ħa jibqa' jsir bħas-soltu.

Imma l-esperti qed jgħidu li sa ħames snin oħra s-sajd għat-tonn xorta ħa jkollu jieqaf. Għaliex? Għax is-sajjieda ħa joħorġu għat-tonn... u mhux ħa jsibu waħda!

# Iktar pjanti...



Victor Falzon

L-Indja u l-Pakistan dejjem impikati bejniethom, is-soltu fuq xi biċċa art li jkunu jriduha t-tnejn. U jinqala' l-ġlied, l-isparar u anke l-qtil. Affarijiet tal-waħx insomma. Imma daż-żewġ pajjiżi ġirien għandhom ukoll pika li qed tagħmel ġid lin-natura: qed jimpikaw fuq min kapaċi jħawwel l-iktar siġar f'ġurnata waħda! F'Ġunju li għadda r-rekord kien ta' 447,874 siġra mħawlin fl-istat ta' Assam (fl-Indja). Xahar wara ħadu tkaxkira mill-Pakistan, li ħawlu 541,176 siġra fil-[1]mangrovji tax-xmara Indus. Issa t-titlu reġa' mar l-Indja, li f'Awwissu għamlu taħwila enormi fl-istat ta' Bihar. Il-Guinness Book of Records għadhom qed jgħoddu, imma n-numru qiegħed viċin il-biljun siġra! Biljun jiġifieri elf miljun (=1000,000,000)

[1]**mangrovji** - foresti mgħarrqin fl-ilma, ħafna drabi jikbru fejn xmajjar kbar jiftħu fil-baħar.
[2]**astronomi** - nies li jistudjaw l-kwiekeb u l-pjaneti

# ...u iktar pjaneti.



F'dawn l-aħħar ġranet, [2]astronomi Ewropej sabu 32 pjaneta ġdida jduru madwar kwiekeb differenti. B'hekk issa t-total ta' pjaneti qiegħed xi 400! L-astronomi jaħsbu li erbgħa minn kull għaxar kwiekeb li jixbħu lix-xemx tagħna għandhom pjaneti madwarhom. Mid-dehra l-pjaneti mhux rari daqskemm konna naħsbuhom! Iktar ma jsibu pjaneti iktar hemm ċans li xi darba nsibu l-ħajja fuq xi waħda minnhom.

dinja waħda

**Dawn l-aħbarijiet tajbin biex tużawhom l-iskola fl-attività JUNIOR JOURNALIST (Dinja Waħda).**

**Dinja Waħda** hija kampanja edukattiva ambjentali li qed titmexxa fl-iskejjel primarji minn **BirdLife Malta** u **Bank of Valletta**, il-partner tagħha fl-edukazzjoni.

BirdLife Malta
BOV Bank of Valletta





# X'nista' nara tgħid?

**Jason Aloisio** jgħidilna fuq għasfur li nistgħu naraw daż-żmien tas-sena



L-istampa meħuda mill-ktieb *Għasafar Madwarna*, li qiegħed għall-bejgħ (€5) mill-BirdLife.

## il-malvizz

Song Thrush
*Turdus philomelos*

Il-Malvizz huwa wieħed mill-għasafar li jpassu fil-ħarifa. F'xi snin ikun komuni, f'oħrajn iktar skars. Ipassi l-iktar matul il-lejl, meta jsemma' l-għajta karatteristika tiegħu: *tsipp..tsipp*. Għandu wkoll għanja sabiħa u varjata, għalkemm f'Malta mhux faċli tismagħha. Numru żgħir ta' Mlievez iqattgħu x-xitwa f'Malta u jibqgħu jidhru sa Marzu. Sfortunatament il-Malvizz huwa mfittex ħafna mill-kaċċaturi, u kull sena jinqatel f'numri kbar.

Il-Malvizz huwa għasfur tal-imsaġar, u tista' tiltaqa' miegħu wkoll fil-widien u f'xi ġonna kbar bis-siġar. Huwa pjuttost imgerrex u jippreferi joqgħod waħdu. Il-mara u r-raġel huma l-istess kulur, kannella minn fuq, bajdani minn taħt, u b'ħafna tikek suwed fuq sidru. Jiekol dud, insetti u ħafna bebbux. Il-qoxra tal-bebbux jkissirha billi jpoġġi l-bebbuxu fuq ġebla u jibda jtiha b'munqaru sakemm titfarrak.







# Skrepbuk tal-Fjuri

kitba ta' Jeffrey Sciberras

## tabakk tas-swar

bl-Ingliż Shrub Tobacco
isem xjentifiku *Nicotiana glauca*

- Siġra żgħira, tilħaq għoli ta' 4m. Tikber malajr u tgħix l-iktar sa sitt snin.
- Weraq aħdar fil-blu u kapaċi jkunu kbar sa 30ċm, speċjalment meta tkun għadha xitla ġdida. Il-kulur taz-zokk ivarja skond l-età: għall-ewwel aħdar ċar, imbagħad daqsxejn fil-blu, wara jsir vjola ftit skur, u fl-aħħar kannella.
- Minn April sa Ottubru tagħmel fjuri sofor qishom qniepen irqaq. Tħobb tintelaq naqra fi żmien il-fjuri.
- Tikber l-iżjed f'postijiet imħarbta, bħal għelieqi, djar u barrieri mitluqin, u fuq is-swar. Probabbli kienet titkabbar għat-tipjip jew bħala ornament, imma mid- dehra m'għadhiex tintuża.
- Siġra [1]aljena mill-Amerika t'Isfel li nfirxet fil-Mediterran. Frekwenti f'Malta, u skarsa ħafna f'Għawdex u f'Kemmuna. Probabbli tkompli tiżdied fil-ġejjieni.



Aron Tanti

[1] **aljena** - imdaħħla minn pajjiż ieħor



Victor Falzon

Ritratt ta' nemmiesa fix-xitwa, meta tkun bla weraq. Qisha xi ħaġa mill-ħrejjef tas-sħaħar ħux! Dis-siġra qiegħda ħdejn Wied l-Isqof, u mid-dehra mhijiex in-Nemmiesa proprja Maltija.

# in-Nemmiesa

## Grey-leaved Elm • Grey Elm • Hoary Elm

## *Ulmus canescens*

Waħda mill-aktar siġar rari fil-Gżejjer Maltin hija n-Nemmiesa, li jgħidulha wkoll l-Ulmu ta' Malta. Tikber f'widien li jkollhom l-ilma kważi s-sena kollha, u din hija waħda mir-raġunijiet għaliex hija rari: għax widien bl-ilma s-sena kollha ftit għandna!

Periklu ieħor għal dis-siġra huwa t-taħlit ma' siġar oħrajn. Minbarra n-Nemmiesa tagħna, f'Malta hawn xi tliet speċi oħrajn ta' nemmies, li aktarx tħawlu mill-bniedem. Il-problema hi li meta dawn iwarrdu, il-fjuri jistgħu jiddakkru man-Nemmiesa tagħna, u s-siġar żgħar ġodda ma jibqgħux razza pura.

U mhix l-ewwel darba li xi bidwi jqabbad in-nar qrib xi Nemmies, kultant apposta biex jeqridhom.

Għad fadal xi tliet irqajja' ta' Nemmiesa: f'Wied ir-Rum (Mtaħleb), fi Ġnien il-Kbir (ħdejn il-Buskett) u f'Għajn il-Kbira (ħdejn il-Girgenti).

In-Nemmiesa tagħna tingħaraf minn speċi oħrajn ta' nemmies għax il-friegħi huma torja u żgħar, u l-weraq għandu kisja pil li jagħtiha dehra ftit griża. Il-weraq għandu t-truf isserrat. Interessanti li l-parti t'isfel tal-werqa tan-Nemmiesa qatt ma tkun simetrika.

Is-siġra toħroġ il-fjuri qabel twerraq fir-rebbiegħa. Iż-żerriegħa (tissejjaħ samara) hija ċatta, tonda u tkun imdawra b'qisu ġewnaħ tal-karta. Il-qoxra tas-siġra hija maqsuma u mixquqa.

In-Nemmiesa għandha ħabta madwarha ttella' ħafna [1]bgħula li maż-żmien isiru siġar ġodda. Dan jgħin ħafna fit-tnissil ta' dis-siġra, għax dal-bagħal tista' tieħdu, tħawlu post ieħor u jikber f'siġra ġdida.

Minbarra f'pajjiżna, in-Nemmiesa tinstab ukoll fi Sqallija, Kreta u Ċipru, u mkien mhi komuni. Għalhekk huwa iktar importanti li nibżgħu għaliha. In-Nemmiesa mħarsa bil-liġi, imma dan mhux biżżejjed biex is-siġra tinfirex f'pajjiżna. Hemm bżonn li jsir proġett biex jitnisslu aktar minnha f'postijiet differenti ta' Malta u Għawdex ħalli dis-siġra ma tispiċċax.

il-masġâr **Charles F. Grech**

[1]**bagħal/bgħula** - Ie, mhux dak l-annimal li qisu żiemel, imma tip ta' friegħi li siġra ttella' madwarha mill-għeruq u li jistgħu jikbru f'siġar oħra bħalha.



Charles F Grech

il-weraq tan-Nemmiesa ma jkunx simetriku

Din x'inhi, Pa?

Dik żerriegħa tan-Nemmiesa, ruħi.







klorissa



Dil-baħrija meta tagħlaq ġwinħajha tiġi qisha werqa niexfa!

baħrija tal-ballut

# Il-Friefet tad-Dlam

kitba u ritratti
Victor Falzon

Bħalma hemm il-friefet ta' bi nhar, hemm ukoll il-baħrijiet, li nistgħu nsejħulhom il-friefet ta' bil-lejl. Ħafna nies jibżgħu mill-baħrijiet għax jaħsbu li jġibulek xorti ħażina, imma aħna n-naturalisti ta' Klabb Ħuttaf nafu li dawn kollha ħmerijiet li jivvintaw in-nies! Il-baħrijiet huma insetti interessanti li għandhom sensi jiskantawk. Per eżempju dawn jużaw l-antenni biex ixommu lil xulxin anke minn kilometru bogħod! Ħafna jaħsbu li l-baħrijiet huma kollha kannella, griżi u bla gost ta' xejn. Imma din ħmerija oħra, għax kif taraw mir-ritratti, hemm baħrijiet b'kuluri u disinji sbieħ ukoll. F'Malta għandna ħafna iktar baħrijiet minn friefet. Friefet għandna xi 24 speċi, imma baħrijiet għandna iktar minn 500 speċi! Il-ħarifa żmien tajjeb biex tara l-baħrijiet, speċjalment filgħaxija madwar xi lampa tat-triq.

Dan jgħidulu żarżur għax meta jtir iżarżar!

Bl-Ingliż jgħidulu Tiger Moth. Naħseb għax għandu dawk l-istrixxi



żarżur



hekatera

Jekk trid ktieb tajjeb fuq il-baħrijiet u l-friefet ta' Malta, m'hawnx aħjar minn *Il-Lepidoptera* ta' Paul Sammut



sfinġida tad-dwieli



baħrija tar-rummien

# Sejrin sa Wied l-Isqof!



Desirée Falzon

## Titħajru?

Wied L-Isqof huwa wied sabiħ mhux bogħod mill-Buskett. F'Wied l-Isqof bħal daż-żmien ikun hemm nixxiegħa ilma, u għalhekk ikun interessanti għan-natura. Hawnhekk jgħixu ż-żrinġijiet, u jikbru pjanti li jħobbu dat-tip ta' ambjent. fosthom speċi rari bħas-Safsafa Kbira u Denb iż-Żiemel: dawn ftit is-sibhom jikbru f'inħawi oħrajn f'Malta. Aħna tal-Klabb sejrin passiġġata s'hemm, u nistidnukom tiġu magħna!



denb iż-żiemel

Victor Falzon

| | |
|---|---|
| data | il-Ħadd **29 Novembru 2009** |
| niltaqgħu | quddiem is-**Seminarju** (Rabat) |
| ħin | **8.30am** |
| ħin lura | xi **nofsinhar** |
| ġibu | ikel, xorb, tromba (jekk għandkom), nowtbuk. |
| merħba | *membri tal-Klabb u l-familji tagħhom |

*tfal taħt it-8 snin irid jiġi magħhom xi ħadd kbir



Li tagħmel jagħmlulek!

Nixtiequ ngħidu grazzi lil Pau, kartunist minn Majorca, li tana permess nużaw l-arti tiegħu f'*Il-Ħuttafa*.

Jien kollha qed infaddalhom

## Tinsewx dak il-poster!

**Kull darba li ġġeddu l-miżata fi Klabb Ħuttaf, nibagħtulkom poster bil-kulur tal-għasafar. Bħalissa qed nagħmlu poster ġdid bl-għasafar tal-għana. Jekk tixtiequ tirċievu dan ukoll, qis li ma tinsewx iġġeddu! Fi Klabb Ħuttaf tgawdu u titgħallmu. Nixtiqukom ħafna wkoll li tħajru lil sħabkom biex huma wkoll jidħlu membri!**


**www.birdinginmalta.com**



Jekk tħobbu l-għasafar, żuru l-websajt ġdida **Birding in Malta**, websajt ippakkjata tagħrif u ritratti fuq għasafar ta' Malta, postijiet tajbin fejn tista' tmur berdwoċing, eċċ. Dil-websajt ħolquha Nicholas Galea u Steve Zammit Lupi, żewġ żgħażagħ berdwoċers akkaniti u membri ta' Klabb Ħuttaf.



merlin library
the name in publishing and bookselling since 1964

An unbelievable range of books to suit all tastes at the best prices

www.merlinlibrary.com
mail@merlinlibrary.com

merlin library
Mountbatten Str. Blata l-Bajda HMR 1575
T: 21 234438
21 221205
F: 21 221135




Il-Ħuttafa 94 • Ott 2009 • p08

ambjenti differenti



# il-wetlands

Elisabeth Conrad

S'issa f'dis-sensiela ħarisna dejjem lejn ambjenti fuq l-art. Did-darba se niċċaqalqu mill-art għall-ilma: se nħarsu lejn l-ambjent tal-*wetlands*.

## X'inhuma?

Wetlands huma postijiet fejn tinħass ħafna l-preżenza tal-ilma, sew jekk mielaħ, [1]salmastru jew ħelu. Il-wetlands insibuhom fejn l-art tiltaqa' ma' postijiet mgħarrqin bl-ilma, bħall-baħar. Hemm wetlands li jkollhom l-ilma s-sena kollha, u oħrajn li jkollhom l-ilma għal parti mis-sena. Hemm wetlands żgħar u oħrajn enormi. Wieħed mill-ikbar wetlands fid-dinja huwa l-Pantanal, fil-Brażil.

Il-Pantanal fih daqs Malta 600 darba!

Wetlands għalhekk jistgħu jkunu differenti ħafna. Bl-Ingliż isemmu *marshes*, *estuaries*, *bogs*, *swamps*, *mangroves*, *fens*, eċċ. Kollha differenti f'xi ħaġa jew oħra, imma kollha għandhom x'jaqsmu mal-ilma.

## X'jgħix fihom?

Il-wetlands jinstabu mad-dinja kollha, u kull fejn jinstabu huma importanti għan-natura u anke għall-bniedem. Huma l-ambjent ta' ħafna speċi ta' pjanti u annimali. Fost il-pjanti nsibu qasab, simar u tipi ta' ħaxix (*grasses*). Ħafna minn dawn il-pjanti jkollhom l-għeruq fl-ilma.

Fost l-annimali nsibu mammiferi, għasafar, rettili, ħut, amfibji u [2]invertebrati bħal gambli, bebbux, ħniex u insetti. Xi studjużi jikkalkulaw li fil-wetlands jgħixu 12% tal-ispeċi kollha tad-dinja, u 40% tal-ispeċi ta' annimali. B'mod partikolari l-wetlands jiġbdu lejhom ħafna għasafar, speċjalment dawk li jkunu qed ipassu.

## Jiswew għalina?

Barra l-valur naturali ta' dawn il-postijiet, miljuni ta' nies jiddependu mill-wetlands biex jgħixu. Dan l-ambjent jipprovdi diversi annimali u pjanti li jittieklu. Fil-wetlands jitkabbar ukoll ir-ross, l-ikel bażiku ta' ħafna miljuni ta' nies. Mill-wetlands jieħdu wkoll materjali għall-bini, mediċini u ħafna prodotti oħra.

Ħafna wetlands iservu tal-filter naturali għax inaddfu l-ilma minn kimiċi u tniġġis. Bla wetlands, dit-tisfija jkollna nagħmluha b'mod artifiċjali.

Il-wetlands huma importanti wkoll f'każ ta' għargħar, għax iservu ta' lqugħ naturali għall-impatt ta' ħafna xita. Mingħajrhom, il-ħsara tkun ħafna ikbar.

## X'qed jiġri?

Minkejja li l-wetlands huma daqshekk importanti, il-bniedem spiss iqishom ħela ta' spazju. Ħafna wetlands tnixxfu u nqerdu. F'każijiet oħra, inbnew [3]digi fuq xmajjar li qerdu l-provista naturali ta' ilma. Issa hemm ukoll it-theddida tat-tibdil fil-klima li żgur ħa jkollha impatt fuq dan l-ambjent.

## Għandna Malta?

Biex taprezzaw ftit x'għandu x'joffri dan l-ambjent, aqbżu qabża sar-riservi tal-Għadira u s-Simar, żewġ wetlands importanti fil-Gżejjer Maltin, peress li diversi wetlands oħra f'pajjiżna jew inqerdu jew qegħdin fi stat ħażin. L-Għadira u s-Simar huma protetti u ndukrati sew, għalhekk fihom in-natura ma ssirilhiex ħsara. Hemmhekk tistgħu intom stess taraw kemm tassew hu varjat dan l-ambjent, u kemm iservi ta' refuġju importanti għall-għasafar li qed ipassu minn fuq Malta.

[1]**salmastru**. ilma ħelu mħallat mal-ilma baħar
[2]**invertebrati**. annimali bla sinsla tad-dahar
[3]**diga**. bħal ħajt li jaqsam xmara biex jinġabar l-ilma warajh, bl-Ingliż *dam*.



velleran aħmar



mangrovja



kajman

Raymond Galea

Alison Buttigieg

# nilagħbu tikka

ma' Janet u Amy Gerardi

Poġġi l-ismijiet ta' dawn l-10 pjanti fil-kaxxi b'tali mod li fir-ringiela wieqfa jifforma isem ta' għasfur li deher fl-aħħar ħarġa ta' *Il-Ħuttafa*.

| | |
|---|---|
| tulliera | xorbett |
| deru | kappara |
| hannewija | kamumilla |
| żebbuġija | għansar |
| plejju | sagħtar |





Victor Falzon

tulliera



Desirée Falzon

hannewija

# gallerija

Ibagħtulna t-tpinġijiet tagħkom u r-ritratti li tieħdu. Basta jkunu tan-natura.





**ċistu roża**
chaanah muscat
13



**merill**
neville cauchi
10



**bagħdan aħmar**
ayrton hayman
10




**ġurat tal-furketta**
karl camenzuli 12



**bufula passajra**
gabriel camilleri 8



**pappagalli**
owen agius 7



**pitirross**
miguel borg 9



**pterodaktil**

**diplodokus**

gabrielle cachia 9





# Messaġġ bil-Kulur

desirée falzon

In-natura mimlija kuluri. Imma dal-kuluri tgħid qegħdin biss biex jidhru sbieħ l-annimali u l-pjanti? Xejn minn dan! Jekk nosservaw in-natura mill-qrib, naraw li l-kuluri għandhom xogħol speċjali. Did-darba ħa naqbdu mal-kulur..

## Abjad

Forsi tistaqsu: Mela l-abjad kulur? Hekk hu! Fix-xjenza nitgħallmu li l-abjad huwa taħlita tal-kuluri kollha tal-qawsalla. Għal ħafna annimali l-abjad huwa kwistjoni ta' ħajja u mewt!



Victor Falzon

### il-bebbux

Dawn l-annimali għandhom bżonn li l-ġilda tagħhom tibqa' niedja in-kella jmutu. Minħabba f'hekk, is-sħana u n-nixfa jaħarbuhom, u fis-sajf il-bebbux jagħlaq il-qoxra b'tapp u jinħeba f'xi ħajt tas-sejjieħ jew jitla' fuq xi zokk 'il bogħod mill-art tikwi. Imma għandu difiża oħra kontra x-xemx: il-bjuda tal-qoxra. Ħafna bebbux għandu qoxra bajda biex ma jisħonx iż-żejjed għax l-abjad jirrifletti s-sħana.

### il-fenek



Victor Falzon

Il-Fenek Selvaġġ kważi dejjem kannella fil-griż ikun, u dan biex ma tantx ikun jidher waqt li jkun qed jiekol. Imma jekk tħarsu sew lejn ir-ritratt taraw li denbu minn taħt ikun abjad. Għaliex? Il-fenek juża l-abjad biex meta jara l-periklu u jitlaq jiġri, denbu jibda qisu jteptep abjad. Dan huwa sinjal lil sħabu li hemm xi predatur viċin. B'hekk kollha jitilqu jiġru u jsalvaw. Dat-trikk tużah ukoll il-White-tailed Deer, ċerva li tgħix l-Amerka.



Aron Tanti

### l-għasafar tax-xtut

Ħafna għasafar tax-xtut għandhom żaqqhom bajda. Dawn l-għasafar jirgħu u jgħixu fil-miftuħ. Għalhekk faċli jarahom xi [1]predaturi (per eżempju ajkla jew seqer) li jkunu jtiru jfittxu l-priża. Imma peress li żaqqu bajda, għasfur tax-xtut ma jaqtax kuntrast qawwi mal-ilma jew l-art. Jekk ma jiċċaqlaqx, jaf jiskappa attakk mill-ajru għax il-predatur ma jarahx.



### l-ors abjad

Immaġina ors ta' tliet metri qiegħed quddiemek u m'intix tinduna bih. Jista' jkun? Iva, għax l-Ors Abjad juża l-kamuflaxx. Meta jkun qed jikkaċċja, jitkaxkar bil-mod lejn xi foka u peress li l-abjad tiegħu ikanġi mas-silġ, il-foka ma tarahx. L-istess kamuflaxx jużawh ukoll il-Volpi tas-Silġ, il-Kokka Bajda u l-[2]Erminja. Annimali oħra,bħas-Snowshoe Hare u l-[3]Perniċa Bajda, jużaw pil jew rix abjad biex jinħbew mill-predaturi.

[1]**predatur.** annimal li jaqbad annimali oħra biex jikolhom
[2]**erminja.** tip ta' ballottra, bl-Ingliż Ermine jew Stoat
[3]**perniċa bajda.** għasfur bħal summiena kbira li jgħix fil-muntanji u t-tundra, bl-Ingliż Ptarmigan.

# **BOV** Young Savers Account




## aħna ngħinuk **tfaddal**

Faddal il-flus li taqla' permezz tal-**BOV Young Savers Account** u gawdi minn:

- **Karus b'xejn meta tkun faddalt €100 fil-kont**
- **Rati vantaġġjużi ta' imgħax fuq il-flus li ġġemma'.**

BOV
Bank of Valletta
*Impenn lejn is-Suċċess tiegħek*

www.bov.com customercare@bov.com 2131 2020

*Maħruġ mill-Bank of Valletta p.l.c., 58 Triq Żakkarija, Valletta VLT 1130 - Malta*

BOV 24450